# Is-sejħa ta' Eros

Joseph A. Cachia

Il-mewt ... il-mewt taraha ġejja fuqek bħal dalma ta' lejl li tinżel fuq l-art u ma jwaqqafha ħadd. Minn kemm ilu li sirt naf li m'hemmx tama ta' fejqan għalija ħassejt is-subgħajn kiesħa tagħha jġebbduni lejn il-ħofra fl-art li għandha tilqagħni fiha wara l-aħħar nifs ta' ħajti. Għad li dakinhar li sirt naf li l-mewt kienet wara biebi, bix-xemx ta' Awwissu ddawwal il-kamra tal-professur fejn tani r-riżultat tat-testijiet ta' saħħti li kont għamilt, jien ma rajtx ħlief dlam għall-futur tiegħi. Kelli kanċer fil-musrana li ħammiġli l-kumplament tal-intern ta' ġismi. Ma kellix aktar minn sitt xhur oħra ħajja, jekk kelli. Ħriġt imxengel u mriegħed minn quddiem il-professur, b'wiċċ marti quddiem għajnejja. Ta' ħamsa u tletin sena kont naħseb li ma kienx wasal żmieni, imma kien wasal ... u kif ukoll.

*Issa ninsab f'qiegħ ta' sodda, nistenna l-mewt taħsadli ħajti. Muġugħ, u ġismi mtaqqab b'mitt labra biex stajt wasalt sal-lum, mimli kimika li tisboq bil-bosta d-demm li jiġri fil-vini tiegħi. Nara lil marti maġenb is-sodda, ma titkellimx, imma taqbadli idi fejn m'għandix labra mdaħħla f'wiċċha u f'ħarsitha naqra x-xewqa tagħha, hi x'inhi.*

*Nara wkoll lill-infermiera, dieħla u ħierġa fil-kamra, bi fliexken żgħar f'idha, tittawwalli u tara s-sinjali niżlin fuq il-monitors li juri kif ħajti qed titbattal minn ġismi ftit ftit.*

*Fin-naħa l-oħra tas-sodda, faċċata ta' marti, nara l-ħabib tagħna t-tnejn. Kultant narah jitbissmilha biex jagħmlilha kuraġġ fl-aħħar mumenti ta' ħajti. Ibqa' ċert li malli nagħlaq għajnejja għall-aħħar darba jlissnu flimkien xi talb qasir fuqi, li jien ma nismax, waqt li nkun fi triqti għal xi mkien ieħor.*

*Ma nistax nitkellem, ma niflaħx. Qiegħed bejn ħajja u mewt. Nixtieq ngħid ħafna affarijiet. Bħalissa ħajti kollha tgħaddi minn quddiem għajnejja. Għax sewwa jgħidu li qabel tmut taraha għaddejja bħal żiffa.*

Niftakar l-ewwel ħjiel ta'ħajti. Kemm seta'kelli? Xi erba'snin? Narani nibki f'nofs ta'triq għax kont ħriġt ma'ommi, u għax ma kontx żammejtilha idha kif kienet qaltli biex nagħmel. Kont intlift fir-rassa tan-nies li kien hemm fil-festa tar-raħal. Min kien dak ir-raġel l-ieħor li kien sabni u ħadni għand ommi u xtrali l-ħelu u fesfes xi ħaġa f'widnejn ommi? Ma kienx missieri dak ...

Qed nara lil ħija l-kbir jissawwat minn ommi. Konna għadna tfal. Tgħid għax kien qal xi ħaġa lil missieri li kien ra lil ommi ma' dak ir-raġel li kien xtrali l-ħelu? U ommi kkastigatu għax missieri kien ikkastigaha?

Sal-lum għadni ma nistax naf x'ġara. Li naf żgur hu li wara ftit ta' żmien konna morna noqogħdu man-nanna, aħna l-aħwa u ommna. Lil missierna konna narawh ftit li xejn ħlief fil-Milied meta konna noħorġu mill-bieb ta'barra fejn kien ikun jistenniena biex jagħtina r-rigali tal-Istrina. Ommna ma kinitx tkun magħna. Kienet tibqa' ġewwa man-nanna imma tħares mill-gallarija biex tara xi jkun għaddej. Għadni nisma' l-vuċi tagħha sal-lum dwar missieri: "Mgħarraq li hu!"

*Nagħlaq għajnejja u nħoss id l-infermiera tmissli l-polz. Meta niftaħhom naraha tħares lejn marti u tkemmex xufftejha. Ma tkellimhiex imma n-nuqqas ta' kliem hu volum ta' tpaċpiċ li jibqa' ma jingħadx. Il-ħabib tagħna jqum minn postu u jmur wara marti. Jagħmel idu fuq spalla minnhom u jagħfashielha, kif kont nagħmlilha jien fil-bidu tan-namur tagħna. Dak il-ħin xtaqt li kont jien li missejt lil marti, li ħassejt laħam spallitha għad li mgħottija bil-ħwejjeġ. Smajtu jgħidilha:*

*"Kieku jiflaħ jitkellem jgħidilna xi ħaġa."*

*Iva, nixtieq nitkellem, min qallek li le? Nagħlaq għajnejja u l-ġrajja ta' ħajti tkompli għaddejja quddiemi.*

Narani nikber, minn tifel tal-iskola taż-żgħar għal-Liċeo. Nara mill-ġdid lil Bertu, tifel raħli magħmul goff, li l-gost tiegħu kien li jbeżża' lil tfal iżgħar minnu, mhux biss dawk fid-daqs imma wkoll fl-età. Kien qabad miegħi u kull filgħodu kien jiġi fuqi u jgħidli: "'Tini l-ħelu."

Kont nibża' niqaflu u kontra qalbi ndaħħal idi fil-but u ngħaddilu l-ħelu li n-nanna kienet titfagħli hemm qabel immur l-iskola. Xtaqt ma nagħtih xejn imma ħarstu u l-bixra ta' ġismu kienu tal-biża'. Kien waqaf meta tkeċċa mill-iskola għax missier wieħed mit-tfal tal-klassi tiegħi kien irrappurtah lill-kap tal-iskola. Imma jien, kieku kont bħal dak it-tifel li kellu missier (għax jien ma kellix missier), forsi kont nirrappurtah ukoll.

Mewġa ta' wġigħ taħkimni f'żaqqi u nipprova nitkagħweġ imma ma nistax. Il-forzi kollha ta' ġismi qed iħalluni. Bilkemm niflaħ niċċaqlaq u qed inbati wkoll biex nieħu n-nifs. Inħalli l-uġigħ jiġri fija u għajnejja jingħasru flimkien.

*Marti tqum minn bilqiegħda, tinħall minn id il-ħabib tagħna, u tersaq lejja.*

*"Wasal fl-aħħar," tesklama. "Ara għajnejh! Kif ingħalqulu!"*

*Imma għad baqagħli ħajja f'dan il-ġisem li mejjet biex imut. L-għajta tagħha semgħetha l-infermiera li dlonk tidħol fil-kamra. Tħares lejn il-monitors imbagħad tħares lejja.*

*"Le," qaltilha. "Muġugħ."*

*"Miskin," weġbitha marti. "Tista' tagħmillu xi ħaġa?"*

*L-infermiera xejret rasha b'sinjal ta' le.*

*"Xejn aktar," tgħidilha. "Ħa l-iktar ammont ta' morfina li stajna nagħtuh. Nitolbu biss li ma jdumx ibati aktar."*

*Smajtha din ... li ma ndumx inbati aktar. Mhux għax infiq. Le. Imma għax inkun mitt.*

*L-infermiera toħroġ u issa nara li l-ħabib tagħna jġorr is-siġġu tiegħu minn fejn kien u ħadu qrib ta' marti. Biex jarawni aħjar. Ir-raġel ipoġġi idu fuq tagħha biex jagħmlilha kuraġġ. Issa naraha taqbadlu idu u ddawwar subgħajha ma' tiegħu, dawk is-swaba' li kemm-il darba żiegħlu bija, li mesħuli d-dmugħ ta' ferħ meta żżewwiġna.*

*Jien, minuti qabel mewti, niddispra għax ma nistax ingawdi aktar lil marti.*

Il-ġrajja ta' ħajti tkompli għaddejja u issa tħaffef aktar fil-pass tagħha. Narani nagħmel l-eżamijiet, nidħol l-università u ngħaddi sigħat twal nistudja fil-librerija tagħha. Kien hemm li nġbidt lejn tfajla. Mhux dik il-mara li hemm bħalissa quddiemi fil-kamra miegħi l-isptar, dik li qed taqbad id il-ħabib tagħna. Oħra. Fuq tagħha, xuxitha twil, iswed, ileqq meta tolqtu x-xemx. Kemm ħabbejtha lil dik it-tfajla, l-ewwel imħabba tiegħi. Imma wara ftit xhur ma bqajniex flimkien. Kulma fadal minn dik ir-relazzjoni hi biss il-memorja ta' meta tlifna l-verġinità flimkien. Avolja fl-għaxwa tal-mewt inħoss mill-ġdid xufftejha rotob fuq tiegħi, idejha jiġru fuqi u tiegħi fuq tagħha f'rokna mudlama fil-Barrakka ta' Fuq, attenti li ma jarana ħadd.

*Niftaħ ħalqi biex ngħajjat isimha. Inlissnu b'qalbi kollha u għal ħin ta' elf ta' sekonda nfiq. Marti u l-ieħor resqu aktar lejja biex jisimgħu x'kont qed ngħid. Nisma' lili nnifsi nlissen "Marija". Nara lil dawk it-tnejn ixenglu rashom imma nisma' lil marti tgħidlu:*

*"Jixtieq jgħidli xi ħaġa imma ma jistax. Min jaf xi jrid jgħidli?"*

*"Forsi kemm iħobbok," jgħidilha l-ieħor.*

Issa tgħaddi minn quddiem għajnejja l-ewwel darba li jien u marti, li dak iż-żmien ma konniex miżżewġin, konna ltqajna l-ewwel darba ma' Peter, dak li bħalissa qiegħed maġenb marti jikkunslaha u, għaliex le, jikkonsla lili. Konna l-Barrakka ta' Fuq inħarsu lejn il-ponta tal-Isla. Madwarna kien hemm għadd kbir ta' turisti. Minn fosthom ħareġ raġel u minn fost lingwi li ma għaraftx ta' liema pajjiż kienu, smajnieh jgħid:

"Kif ħaduli rasi! Qisna t-Torri ta' Babel!"

Baqa' ġej ħdejna. Ħares lejna u bid-daħka qalilna:

"Hawn aktar barranin bħalissa milli Maltin. Dragut jonqos!"

Bla ma ridna dħakna miegħu. Kien żagħżugħ tal-età tagħna. Kien skarta kwarta mill-uffiċċju tiegħu fi Triq Merkanti għax iddejjaq taħt is-saqaf ma' koċċ nies li ma kinux jafu jieħdu ċajta. U hekk, kelma ġġib lill-oħra, spiċċajna morna nieħdu kafè flimkien u minn kwarta spiċċa jiskarta siegħa. Minn dakinhar bqajna niltaqgħu. Sar ħabib tagħna t-tnejn. Sirna nafu li ma kienx miżżewweġ u li ma kellux ħsieb jagħmel dak il-pass għax l-ebda tfajla ma qatt interessatu. Tant ingwalajnieha flimkien li stedinnieh għat-tieġ tagħna. L-istatwa tal-ħġieġ ta' Eros, l-alla tal-imħabba li kien tana għall-okkażjoni, għadha fuq xkaffa fis-salott.

"Eros iħarsilkom imħabbitkom," kien qalilna.

Marti kienet għoxiet wara l-istatwa u għannqitu magħha. Dik it-tgħanniqa kienet bħal waħda mill-ħafna li seħħew f'dawk il-jiem sbieħ ta' qabel it-tieġ.

Iżda ma nafx x'kienet l-okkażjoni li lil Peter bdejt narah f'dawl ieħor. Għax raġel li jħobb lil martu jħoss xi ħaġa fih meta jara rġiel oħra jħarsu lejha b'ħarsa li taħtha taħbi emozzjonijiet aktar minn dawk ta' ħbiberija ordinarja. Jista' jkun li l-okkażjoni kienet dakinhar li ġie jieħu grokk għandna xi tmien snin wara li żżewwiġna. Kien għadu għażeb u ma kienx jitlef stedina waħda mingħandna biex ikun magħna d-dar.

F'dik il-lejla marti waqqgħet tazza tal-ħġieġ li saret mitt biċċa, bix-xorb jiġri fl-art. Kont pront mort fil-kamra tal-banju nġib ċarruta biex nimsaħ l-art u niġbor il-frak tal-ħġieġ. Meta wasalt lura fis-salott insib lil Peter iżomm id marti li minnha beda jnixxi d-demm. Il-mod kif idha kienet f'idu, il-ħarsa ta' għajnejh fuqha u d-diqa f'wiċċu fetħuli għajnejja għal dak li kien iħoss lejha.

Kif rani nħares lejhom inbela', baqa' jżommilha idha, idejh ukoll imċappsa b'demmha, imma l-ħarsa tiegħu nbidlet. Sar Peter in-normali.

"Qatgħet idha ma' ħġieġa," qalli.

Marti ma tkellmitx, ħallet idha minn ma' tiegħu, u issa hi marret fil-kamra tal-banju biex tnaddaf idha mid-demm. Jien mort warajha biex nagħmlilha dak li kien hemm bżonn biex inwaqqfilha d-demm. Peter baqa' fis-salott. Rajtu jħares lejn demm marti ma' subgħajh. Meta ħriġna mill-kamra tal-banju għidt lil Peter biex issa kien imiss lilu li jmur jaħsel idejh. Ir-raġel, qisu f'ħolma, hekk għamel.

Minn dakinhar 'il quddiem bdejt nara lil Peter bħala dak il-bniedem li kien interessat f'marti. Qatt ma għirt għaliha. Kelli kull fiduċja fiha, nafdaha b'għajnejja magħluqa. Ma nafx jekk marti ħassitx li Peter kien miġbud lejha. Imma aktar ma għadda ż-żmien aktar irrealizzajt li r-raġel kien mitluf wara marti. Żgur ma kienx iħobb lil marti daqskemm kont inħobbha jien. Dejjem xtaqtilha l-ġid u li tgħix kuntenta.

*Issa, mixħut f'qiegħ ta' sodda, bil-mewt minuti biss 'il bogħod minni, inħares lejn wiċċ marti, bid-dmugħ f'għajnejha, tittama li ngħix minuta aktar miż-żmien magħdud tiegħi biex nibqa' ħaj.*

*Irrid ngħidilha kemm inħobbha ...*

*Inħoss weġgħa kbira ma' ġismi kollu u nara bħal ċpar li tellifli l-vista. Inħoss il-forzi jonqsuli kollha, ma niflaħx ngħolli jdejja. Nara l-figura ta' marti tittappan, se tgħib minn quddiem għajnejja. Nagħmel sforz kbir u niftaħ għajnejja beraħ. Uġigħ kbir jerġa' jiġrili ma' ġismi kollu. Nagħmel l-aħħar sforz. Inċaqlaq xufftejja nipprova nitkellem. Il-koppja ta' quddiemi jbaxxu rashom mill-ġdid fuqi biex jippruvaw jisimgħu kliemi.*

*Nitkellem: "Eros iħariskom."*